- *faċilita` bankarja mhux imħallsa*
- *ammissjoni*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 TA' JANNAR 2019.**

**Rikors Nru. 1076/2018GM**

**BANK OF VALLETTA P.L.C**

**VS**

**FRANCIS U LOUISE MIŻŻEWĠIN AZZOPARDI**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2018 minn Johanna Bartolo għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. (minn issa l' quddiem "is-soċjetà attriċi") u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti, wieħed minnhom datat 13 ta' Marzu 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Naomi Micallef u l-ieħor datat 28 ta' Novembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, is-soċjeta` attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Francis u Louise miżżewġin Azzopardi.

2. illi s-soċjeta` attriċi tinsab kreditriċi ta' Francis u Louise miżżewġin Azzopardi fis-somma ta' mija u sitta u erbgħin elf, erba' mija u sitta u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€176,456.50) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Francis u Louise miżżewġin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-20 t' Ottubru 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

3. illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fiq imsemmija partikolarment imma mhux  esklussivament billi Francis u Louise miżżewġin Azzopardi:

(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta` attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Francis u Louise miżżweġin Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi.

4. illi l-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. illi l-konvenuti Francis u Louise miżżewġin Azzopardi ġew interpellanti permezz ta' ittra uffiċċjali datata 25 t'April 2017 sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi li qegħda hawn titlob lil din l-Qorti jogħġobha:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi, partikolarment imma mhux esklussivament, Francis u Louise miżżewġin Azzopardi (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta` attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Francis u Louise miżżweġin Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta` attriċi u

2. tikkundanna lil Francis u Louise miżżweġin Azzopardi iħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-soċjeta attriċi s-somma ta' mija u sitta u erbgħin elf, erba' mija u sitta u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€176,456.50) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Francis u Louise miżżwġin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-20 t' Ottubru 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali datata 25 t'April 2017 kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-Digriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2018, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għas-17 ta' Jannar, 2019;

Rat li l-konvenuti ppreżentaw nota ta' ammissjoni fis-seduta li nżammet fis-17 ta' Jannar 2019, fejn il-konvenuti ammettaw it-talbiet attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf fl-intier tagħhom u għalhekk it-talbiet huma ppruvati skont il-liġi;

**DECIDE**

Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi, partikolarment imma mhux esklussivament, Francis u Louise miżżewġin Azzopardi (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta` attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Francis u Louise miżżewġin Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta` attriċi; u

2. Tikkundanna lil Francis u Louise miżżewġin Azzopardi iħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija u sitta u erbgħin elf, erba' mija u sitta u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€176,456.50) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Francis u Louise miżżewġin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-20 t' Ottubru 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali datata 25 t'April 2017, kontra l-konvenuti.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA